**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 468/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**
**vs**
**Kadry Aboudahab Mahmoud Farag**

**Illum 14 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti;**

Prezentat taħt arrest lil

**Kadry Aboudahab Mahmoud Farrag** ta' wieħed u tletin (31) sena bin Farrag Aboudahab Mahmoud u Cikrija li twieled l-Eġittu, nhar it-23 ta' Ġunju 1992, jirrisjedi ġewwa l-indirizz 54, Ivory Flats, Flat 5, Triq Mimosa, Pieta', u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 178474A;

**Akkużat talli:**

Nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa (17:00hrs) ta' wara nofsinhar u s-sebgħa (19:00hrs) ta' filgħaxija, ġewwa Triq il-Mimosa, Tal-Pieta', u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin;

1. Mingħajr ħsieb qatel jew li qiegħed il-ħajja ta' **Jaser Ali Mahmoud**, f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess **Jaser Ali Mahmoud** u cioe' ferita ta' natura ħafifa, u dan hekk kif iċċertifikat minn Dott. Maria R. Borg, liema offiża kienet magħmula b'arma, jew strument li jaqta' jew iniggeż;

2. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, għamel lil **Jaser Ali Mahmoud** inġurji jew theddid mhux imsemmija fi bnadi oħra fil-Kodiċi Kriminali jew hekk kien ipprovokat, inġurja lil **Jaser Ali Mahmoud** b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkustanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża, cioe' ta' **Jaser Ali Mahmoud** jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat **Kadry Aboudahab Mahmoud Farag** skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u l-familja tagħha ai termini tal-Artikoli 382A, 383 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti qed tiġi mitluba sabiex f'każ ta' ħtija. minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-liġi, tapplika li-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-uffiċjal prosekutur Sarah Kathleen Zerafa ikkonfermat bil-ġurament iċ-ċitazzjoni u l-imputazzjonijiet fis-seduta datata 31 ta' Mejju 2024;

Rat id-dokumenti tal-kawża;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fis-seduta datata 31 ta' Mejju 2024 għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat li huwa irreġistra fl-ewwel opportunita' mogħtija lilu u l-fatt li l-Qorti ma kelliex għalfejn tkompli tiġbor aktar provi u l-fedina penali ta' l-imputat li hija waħda nadifa.

Inoltre l-Qorti qed tagħmel referenza għall-konklużjonijiet tal-pre-sentencing report li fir-rakomandazzjoni tiegħu jgħid is-segwenti:

*"Fid-dawl tal-informazzjoni miġbura hawn fuq u fid-dawl li l-imputat irreġistra ammissjoni, l-Uffiċjal tal-Probation qed tirrakomanda li l-imputat jingħata sentenza sospiża skond l-artikolu 28A."*

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 214, 215, 221(2), 217, 339(1)(e) u 339(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li l-Qorti rat l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat, issib lill-imputat Kadry Aboudahab Mahmoud Farag ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, u għal ammenda komplessiva ta' mitt Ewro (€100).**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati il-portata ta' din il-piena ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Inoltre u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti qed timponi ordni ta' trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fuq il-ħati Kadry Aboudahab Mahmoud Farag, fejn il-persuna protetta huwa dak ta' Jaser Ali Mahmoud u dan ai termini tad-digriet anness.**

**Il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-atti jgħaddu għand l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikoli 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Reġistratur**